MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1479/2003

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, ta' 98/2 Melita Street, Valletta kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Rosanna Vassallo u l-istess Rosanne Vassallo**

**vs**

**Rita Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm1364.13) dovuti in kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u tlettax il-centezmu (Lm1361.13) bhala danni kkagunati fil-vettura ta' l-attrici Rosanne Vassallo u tlett liri prezz tar-rapport**

**tal-pulizija, u dan b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fit-2 t'Awissu, 2002, fi triq Azzopardi k/m Triq il-Ferrovija, Birkirkara, waqt li l-istess konvenuta kienet qed issuq l-vettura JAB-019 ta' propjeta` ta' Joseph Bugeja u dahlet gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAE-358 propjeta` ta' l-attrici Rosanne Vassallo, u misjuqa minn Adrian Vassallo ghal-liema incident kienet unikament responsabbli l-konvenuta Rita Bugeja kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deheret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghall-atturi li kkonferma li l-ammont huwa dovut kif intqal fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-kontumacja tal-konvenuta, t-Tribunal jilqa' t-talba, isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm1364.13) bl-imghax legali mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------